



Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2014/2243(INI)

18.5.2015

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar l-użu sikur ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS),
magħrufa aktar bħala vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) fil-qasam tal-
avjazzjoni ċivili
(2014/2243(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Soraya Post

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi s-Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Ppilotati mill-Bogħod (RPAS), jistgħu jintużaw għal firxa ta' skopijiet ċivili (mhux militari), bħalma huma l-infrastruttura kritika u l-protezzjoni ċivili, l-immaniġġjar tad-diżastri u t-tiftix u s-salvataġġ, il-ħarsien ambjentali, l-infurzar tal-liġi u s-sorveljanza, il-ġurnaliżmu, l-attivitajiet kummerċjali u r-rikreazzjoni;
 - B. billi, minkejja l-potenzjal u l-benefiċċji tal-RPAS, l-użu tagħhom jinvolvi riskji sinifikanti u sfidi speċifiċi meta jinvolvi l-ipproċessar tad-data personali, peress li jinterferixxi fid-drittijiet fundamentali, jiġifieri d-dritt għall-privatezza u d-dritt għall-protezzjoni tad-data;
1. Jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi emendat maljar ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili billi jiġi kkunsidrat mill-ġdid in-nuqqas ta' kompetenza tiegħu biex jirregola l-RPAS ta' taħt il-50 kilogramma sabiex jiġi żgurat li l-UE tkun tista' tirregola l-integrazzjoni tal-RPAS fis-sistema tal-avjazzjoni ċivili billi tindirizza s-sikurezza, is-sigurtà, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data li huma prekondizzjonijiet għall-użu ċivili tal-RPAS;
 2. Itenni li meta tiġi pproċessata data personali minn RPAS operati fl-UE, inkluż għal finijiet tal-infurzar tal-liġi, japplika d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali mnaqqax fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u fl-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u li l-qafas ġuridiku tal-UE għall-protezzjoni tad-data għandu jiġi rrispettat għalkollox;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li, fl-iżvilupp ta' kwalunkwe politika tal-UE dwar l-RPAS, jiġu integrati l-garanziji tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data billi, bħala rekwiżit minimu, il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-privatezza bid-disinn u b'mod awtomatiku jsiru obbligatorji;
 4. Iqis li r-regoli fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali għandhom jindikaw b'mod ċar id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-RPAS fir-rigward tas-suq intern u l-kummerċ internazzjonali (il-produzzjoni, il-bejgħ, ix-xiri, il-kummerċ u l-użu tar-RPAS), is-sikurezza u s-sigurtà (liċenzji tal-piloti, awtorizzazzjoni tat-titjiriet, identifikazzjoni u monitoraġġ tal-RPAS u tat-titjiriet tal-RPAS, inkluż fiż-żoni ta' divjet ta' titjiriet, bħalma huma l-ajruporti u infrastruttura kritika oħra, u r-regoli li għandhom jiġu segwiti meta jkun qed jiġi operat drone, bħalma huma dawk dwar il-kuntatt viżiv), il-privatezza u l-protezzjoni tad-data kif ukoll kwalunkwe liġi applikabbli oħra, bħalma huma l-liġi kriminali, dik tal-proprjetà intellettwali, dik tal-avjazzjoni, u dik ambjentali, li għandhom jiġu speċifikati f'avviż lix-xerrejja;
 5. Jirrakkomanda bil-qawwa li d-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa bejn l-UE u dawk li jfasslu u jirregolaw il-politiki nazzjonali, l-industrija, l-SMEs u l-operazzjonijiet kummerċjali għandhom jinfetħu u li għandu jiġi varat dibattitu pubbliku bil-parteċi-pazzjoni taċ-ċittadini u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, sabiex jittieħed kont tal-preokkupazzjonijiet relatati mal-użu tal-RPAS u jiġu indirizzati.